MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru. 1035/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa’)**

**vs.**

**Michael Degiorgio**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat Michael Degiorgio ta’ sitta u tletin (36) sena, bin Emanuel u Salvina nee’ Dimech, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Awissu 1975, residenti f’25, Flat 1, Triq San Mikiel, l-Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 407775(M), akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, fit-22 ta’ Dicembru 2008, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera

[1] *Fol.* 22 tal-process.

haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf, mija u hamsa u disghin ewro (€1,195) ghad-dannu ta' Dolmen Resort Hotel – Malta,

u kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l-ammont ta' elf, mija u hamsa u disghin ewro (€ 1195) ghad-dannu ta' Dolmen Resort Hotel – Malta, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.
Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat ukoll il-kwerela li gie mmarkata bhala Dok. "AAG 1".[2]

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

[2] *Fol.* 30 tal-process.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri u l-fatt li l-fedina penali tieghu hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dana stante li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li din l-imputazzjoni kienet alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 141, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt snin u tordna lill-imputat sabiex fi zmien hames (5) xhur millum ihallas is-somma ta' elf, mija u hamsa u disghin Euro (€1,195) lil Dolmen Resort Hotel - Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------